# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 32**

**Rikors numru 506/2009/1 SM**

**Maria Dolores *sive* Doris Scerri bħala mandatriċi speċjali tal-assenti minn Malta Mark Scerri u b'digriet datat it-23 ta' Ġunju 2015 Mark Scerri assuma l-atti**

**v.**

**Paul Farrugia u Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553)**

**PRELIMINARI:**

1. Din hija azzjoni għad-danni mibdija minn Mark Scerri wara li allegatament ġarrab debilita` permanenti riżultat ta' inċident awtomobilistiku li fih huwa kien passiġġier.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2016 il-Prim' Awla

tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-attur u ddikjarat li l-inċident seħħ tort tal-konvenut Paul Farrugia, illikwidat id-danni sofferti minn Mark Scerri fl-ammont kumplessiv ta' €48,297.94 u kkundannat liż-żewġ konvenuti *in solidum* biex iħallsu l-ammont hekk likwidat; bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra uffiċjali (6 ta' Marzu 2008).

3. **Il-konvenut Paul Farrugia ħassu aggravat b'tali deċiżjoni.** Huwa fil-fatt interpona appell mhux biss mis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2016 iżda wkoll mid-digriet tal-21 ta' April 2016. Huwa talab lil din il-Qorti hekk:

> *"(i) tħassar u tirrevoka d-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-seduta tal-21 ta' April 2016 fl-ismijiet premessi u tiddikjara bħala prova inammissibbli d-depożizzjoni ta' Mark Scerri mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2016;*
>
> *(2) tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 13 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet premessi, u għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi kif hekk dedotti fl-att promutur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess attriċi, issa appellata;*
>
> *u jekk il-Qorti tiċħad l-ewwel żewġ talbiet f' dan l-appell*
>
> *(iii) tirriforma s-sentenza msemmija billi tillikwida d-danni fuq l-iskorta ta' dawk il-prinċipji fuq esposti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess attriċi hawn appellata, u bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-data tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti jew mid-data li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi."*

4. **Is-soċjeta` konvenuta wkoll ħassitha aggravata bis-sentenza appellata** u hija wkoll interponiet appell minnha, limitatament għall-parti dwar l-imgħax, in kwantu ssostni li kellu jibda għaddej mid-data tas-sentenza. Hija għalhekk talbet lil din il-Qorti:

*"…jogħġobha tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 13 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet hawn fuq premessi fejn ġie ordnat illi jsir ħlas tal-interessi mid-data tal-ittra uffiċjali u minflok tiddeċiedi illi l-interessi għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza finali. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

5. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduci r-rikors ġuramentat, ir-risposti ġuramentati tal-konvenuti, il-kunsiderazzjonijiet relatati ma' dan l-appell, u l-parti deċiżorja tas-sentenza:

**Rikors maħluf ta' Maria Dolores sive Doris Scerri noe, li tiddikjara illi taf is-segwenti fatti personalment u għalhekk bil-ġurament tagħha tesponi bir-rispett:**

1. Illi fl-20 ta' Ottubru, 2006, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, San Pawl il-Baħar, seħħ inċident awtomobilistiku bejn il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE472 misjuqa minn Angela Ciappara; il-vettura tal-marka Citroen Berlingo bin-numru tar-reġistrazzjoni PYR200 misjuqa minn Jethro Bugeja; u l-vettura Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni AAP902 misjuqa mill-intimat Paul Farrugia;

2. Illi r-rikorrent kien qiegħed riekeb bħala passiggier fil-vettura Citroen PYR200 misjuqa minn Jethro Bugeja;

3. Illi l-inċident in kwistjoni seħħ wara illi, ex admissis, l-intimat Farrugia baqa' diehel fil-vettura ta' quddiemu, u ċjoe` is-Citroen Berlingo bin-numru ta' reġistrazzjoni PYR200, bil-konsegwenza li din tal-aħħar daħlet fuq il-vettura ta' quddiemha, u ċjoe` il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE472 – u dana bħalma jirriżulta mill-okkorrenza tal-Pulizija annessa u mmarkata bħala Dok MS1;

4. Illi għall-inċident u d-danni konsegwenzjali kien jaħti unikament l-intimat Paul Farrugia u dana minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu;

5. Illi l-vettura Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni AAP902 kienet assikurata mas-soċjeta` intimata Middlesea Insurance plc, tramite l-aġenti tagħha Allcare Insurance Agency Ltd. Min-naħa tiegħu l-intimat Paul Farrugia iddelega lill-assikuraturi tiegħu sabiex tittratta mal-esponenti l-kwistjoni tad-danni ċivili sofferti minnu u fil-fatt is-soċjeta` intimata` Middlesea Insurance plc ittrattat direttament mal-esponenti;

6. Illi minħabba dan l-inċident, ir-rikorrenti sofra danni kemm damnum emergens, kif ukoll lucrum cessans u dana peress li ġarrab debilita` permanenti – hekk kif iċċertifika l-konsulent ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel, permezz tar-rapport anness u mmarkata bħala Dok MS2, kif ukoll

il-konsulent newroloġiku Dr Anthony Zrinzo, permezz tar-rapport anness u mmarkat bħala Dok MS3;

7. Illi interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni, permezz ta' ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu 2008 l-intimat baqa' inadempjenti, u għaldaqstant kellhom jiġu stitwiti l-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-inċident awtomobilistiku illi seħħ fl-20 ta' Ottubru 2006 fi Triq Burmarrad, Burmarrad, San Pawl il-Baħar, bejn il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE472 misjuqa minn Angela Ciappara, il-vettura Citroen Berlingo bin-numru ta' reġistrazzjoni PYR200 misjuqa minn Jethro Bugeja, u l-vettura Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni AAP902 misjuqa mill-intimat Paul Farrugia, seħħ uniktament tort tal-istess Paul Farrugia; li jaħti wkoll unikament għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent, kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominati minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tikkundanna lill-intimat Paul Farrugia u lis-socjeta` Middlesea Insurance plc u din tal-aħħar fil-vesti tagħha bħala assikuratriċi tal-vettura AAP902, sabiex iħallsu in solidum u bejniethom lir-rikorrent dak l-ammont illi jiġi hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu 2008 u bl-imgħaxijiet legali skont il-liġi kontra l-intimati *in solidum* u bejniethom, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

……

**Risposta guramentata tal-kumpanija Middlesea Insurance plc:**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma John Lentini (karta tal-identita` numru ID 406557M) f' isem is-soċjeta` konvenuta, kif debitament awtorizzat, li jaf is-segwenti fatti personalment:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti nomine Maria Dolores sive Doris Scerri trid tipprova l-mandat tagħha permezz tad-dokumenti relattivi;

2. Illi mingħajr preġudizzju, il-konvenut l-ieħor Paul Farrugia mhux kopert bil-polza tas-sigurta` mis-soċjeta` intimata Middlesea Insurance plc u għalhekk is-soċjeta` Middlesea Insurance plc qed tirriserva d-drittijiet tagħha kontra l-istess Paul Farrugia;

3. Illi dwar il-fatti dikjarati mill-attriċi fir-rikors tagħha jingħad:

   a) dwar l-ewwel żewġ paragrafi tal-istess rikors tagħha mhux kontestati;

   b) dwar il-paragrafu numru 5 is-soċjeta` konvenuta tiċħad li hija ttrattat f' isem Paul Farrugia jew kellha xi delega mingħand l-istess Paul Farrugia sabiex tittratta mal-attriċi dwar il-kwistjoni tad-danni ċivili sofferta

minnha, iżda kull trattattivi saru da parti tas-soċjeta` konvenuta kienu minħabba l-obbligi legali tal-istess soċjeta` konventua. Illi in oltre fil-korrispondenza s-soċjeta` konvenuta Middlesea Insurance plc kienet espressament spjegat kif l-istess Farrugia ma kienx kopert mill-istess polza.

c) dwar il-paragrafi numri 3, 4 u 6 is-soċjeta` intimata tirrimetti ruħha għall-provi li jiġu prodotti fit-trattazzjoni tal-kawża;

4. Is-soċjeta` konvenuta qed tirriserva kull dritt u azzjoni lilha kompetenti skont il-liġi kontra l-konvenut l-ieħor Paul Farrugia għall-indennizz tad-danni li hija sofriet u li għad tista' ssofri fir-rigward.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

……

**Risposta ġuramentata ta' Paul Farrugia ID 540483M:**

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma:

1. Illi preliminarjament trid issir il-prova li l-preskrizzjoni f' dan il-każ ġiet interrotta skont il-liġi qabel ġie intavolat ir-rikors ġuramentat – fin-nuqqas ta' din il-prova, it-talba attriċi tiġi li hi preskritta bit-trapass ta' sentejn, ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament ukoll trid issir il-prova tal-mandat li Maria Dolores sive Doris Scerri kellha sabiex tintavola din il-kawża f' isem Mark Scerri.

3. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, u prevja li tiġi ppruvata l-ħtija tal-esponent għall-inċident stradali mertu tal-kawża, tispetta wkoll lir-rikorrent il-prova li d-debilita` permanenti lamentata minnu ġiet kaġunata direttament u b'konsegwenza unika tal-inċident stradali mertu tal-kawża odjerna, u li r-rikorrent ma kienx diġa ibati minn din il-kundizzjoni preċedentement għall-inċident de quo.

4. Illi t-talba għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni hi kontestata.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

……

Ikkunsidrat:

20. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

20.1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tat-8.30a.m. tal-20 t'Ottubru, 2006, meta r-rikorrenti Mark Scerri kien passiggier fil-vettura tat-tip Citroen Berlingo numru PYR – 200 misjuqa minn Jethro Bugeja waqt li kienu fi Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Bahar, (ara foll 6, 31A u 290);

20.2. Illi fil-hin tal-incident it-traffiku kien wieqaf u immedjatament

quddiem il-vettura indikata fil-paragrafu precedenti kien hemm il-vettura tat-tip Toyota Vitz u kien hemm distanza ta' karozza u nofs bejn vettura u ohra, (ara foll 290);

20.3. Illi ftit sekondi wara li l-istess Citroen Berlingo waqfet fit-traffiku kif fuq indikat:

20.3.1. Instema' hoss ta' "*tyres*" iwerzqu gej mill-vettura immedjatament warajha;

20.3.2. Illi l-vettura involuta kienet tat-tip Ford Transit numru AAP – 902 misjuga minn Paul Farrugia – l-intimat, (ara foll 8, 32 u 290);

20.3.3. Illi l-inpatt kien wiehed kbir – tant li l-vettura immedjatament ta' quddiem il-Ford Transit giet imbuttata mill-posizzjoni stazzjonarja li kienet fiha ghal fuq il-vettura ta' quddiemha tat-tip Toyota Vitz, numru GBE – 472, (ara foll 8 u 32);

20.4. Illi wara l-incident issejhu l-Pulizija u l-ambulanza, (ara foll 32 u 291);

20.5. Illi r-rikorrenti passiggier Mark Scerri u l-konducent Jethro Bugeja gew rikoverati l-isptar;

20.6. Illi r-rikorrenti sofra minn ugigh f'koxtu l-leminija (ara foll 32), u fin-naha t'isfel ta' dahru, (ara foll 246);

Ikkunsidrat:

21. Illi mir-relazzjoni tal-espert mediku appozitament nominat in atti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi l-ugigh li has sir-rikorrenti qatt ma hassu qabel l-incident in kwistjoni;

21.2. Illi ghalkemm intbaghtet l-ambulanza fuq il-post wara l-incident, ir-rikorrenti ma hassx li kellu bzonn imur l-isptar, (ara foll 246);

21.3. Illi pero` irrizulta li l-ugigh baqa' jippersisti u gimgha wara l-incident kien kostrett imur ic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, (ara foll 246);

21.4. Illi fuq struzzjonijiet ta' konsulent mediku ir-rikorrenti gie indirizzat ghand fizjoterapista, (ara foll 246);

21.5. Illi wara li giet effettwata MRI fuq ir-rikorrenti kien informat li kellu "slipped disc" fil-parti t'isfel ta' dahru u ghalhekk kellu bzonn t'intervent kirugiku, (ara foll 246);

21.6. Illi l-intervent kirurgiku kien effettwat fit-8 ta' Mejju, 2007, (ara foll 246);

21.7. Illi rizultat tal-istess operazzjoni ghamel sitt (6) xhur ma jahdimx, (ara foll 246);

21.8. Illi sussegwentement kien impjegat mas-socjeta` Ryanair bhala membru tal-“cabin crew”, (ara foll 246);

21.9. Illi sa hames (5) snin wara l-incident kien ghadu jhoss ugigh fil-parti t’isfel ta’ dahru, (ara foll 247);

21.10. Illi ihoss dawn is-sintomi partikolarment meta jqandel, jiehu skoss; idum bil-qeghda u meta jsuq, (ara foll 247);

21.11. Illi rizultat tal-istess inghata parir mediku professjonali li ma jippartecipax f’attivita` sportiva, (ara foll 247);

21.12. Illi rizultat tal-istess incident in dizamina r-rikorrenti garrab is-segwenti:

21.12.1. “Slipped disc” fil-parti t’isfel ta’ dahru, (ara foll 248);

21.12.2. Kien ghalhekk kostrett jissubixxi l-intervent kirurgiku fuq riferit, (ara foll 248);

21.12.3. Ma jirrizultax li kellu kumplikazzjonijiet wara l-imsemmi intervent, (ara foll 248);

21.12.4. Illi pero` minn zmien ghal zmien kien ibati minn ugigh f’dahru, (ara foll 248);

21.12.5. Illi dan l-ugigh riskontrat hu normali wara tali intervent, (ara foll 248);

22. Illi rizultat tal-istess l-espert mediku nominat stabilixxa li r-rikorrenti Mark Scerri kien qieghed isofri rata’ ta’ dizabilita` ta’ ghaxra fil-mija, (10%), (ara foll 248);

Ikkunsidrat:

23. Illi minn ezami akkurat tad-dokumentazzjoni kollha in atti u tax-xhieda prodotta, din il-qorti m’ghandha xejn x’ticcensura fl-operat tal-istess espert mediku de quo, u konsegwentement, tiddikjara li qed taghmel taghha l-konkluzjonijiet li l-istess espert mediku wasal ghalihom;

……

Ikkunsidrat:

36. Illi fir-rigward tal-intimat Paul Farrugia jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1. Illi jirrizulta assodat li hu kien qed isuq il-vettura tat-tip Ford Transit numru AAP – 902 fl-20 t’Ottubru, 2006, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta’ San Pawl il-Bahar meta waqt li t-traffiku fl-istess triq kien wieqaf hu baqa` diehel fuq il-vettura tat-tip Citroen Berlingo numru PYR – 200, li min-naha taghha mill-posizzjoni stazzjonarja li kienet fiha kienet imbuttata fuq il-vettura stazzjonarja li kien hemm quddiema tat-tip Toyota Vitz numru GBE – 472, (ara foll 8, 32, 290 u 388);

36.2. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-istess intimat Farrugia naqas li jkun prudenti fis-sewqan tieghu billi jzomm distanza adegwata mill-vettura immedjatament quddiemu;

36.3. Illi rizultat tal-istess impatt hekk ikkagunat mill-intimat Farrugia, r-rikorrenti sofra d-danni fizici fuq gia` elenkati;

36.4. Illi di piu` l-istess intimat imbotta l-vettura immedjatament quddiemu biex din sussegwentement habtet ukoll mal-vettura li kien hemm stazzjonarja quddiema;

36.5. Illi s-sahha tal-impatt li jitfa` vettura biex b'velocita` tahbat f'vettura ohra li kienet madwar karozza u nofs 'l boghod minnha jittradixxi l-fatt li l-intimat Farrugia kien qieghed isuq b'velocita` aktar minn dik konsentita;

36.6. Illi konsegwenza tal-istess ghandu jkun pacifiku li fil-mument immedjatament qabel l-impatt de quo, l-istess intimat ma kellux kontroll fuq il-vettura misjuqa minnhu;

36.7. Illi di piu`, jirrizulta pacifiku wkoll li bis-sewqan tieghu l-istess intimat naqas li jzomm dik id-distanza necessarja li tippermetti sewqan fis-sigurta` dovuta;

36.8. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Ivan Gauci vs. Massimo Apap,*** datata t-30 ta' Mejju, 2008, fejn ***il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri)*** sostniet is-segwenti:

"Intant, gialadarba hu ppruvat li l-konvenut kien qieghed isegwi il-vettura tal-attur hu l-konvenut li kellu allura jaccerta ruhhu mill-intenzjonijiet tal-attur, u, apparti li jzomm "proper look out", izomm ukoll "a safe distance" bejn il-vettura tieghu u dik tal-attur. Hu proprju assodat fil-gurisprudenza li sewwieq ta' vettura ghandu jsuq b'mod diligenti tali li jkollu l-kontroll shih tal-vettura misjuga minnu. Konformement ma' dan huwa ghandu l-obbligu li jassikura li s-sewqan tieghu m'jpoggiehx f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jirrejagixxi b'mod adegwat ghall-emergenza li tista` tinholoq";

36.9. Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-responsabbilita` shiha ghall-incident in dizamina taqa' kompletament fuq l-intimat Farrugia;

……

Ikkunsidrat:

38. Illi fir-rigward tal-**Likwidazzjoni tad-Danni**, jinghad sintetikament is-segwenti:

38.1. ***Damnum Emergens***:

38.1.1. Illi r-rikorrenti Scerri pprezenta prospett fir-rigward, (ara foll 297);

38.1.2. Illi fl-istess prospett qieghed jirrikjama ammont imhallas ghal kors fl-MCAST;

38.1.3. Illi f'dan ir-rigward fil-paragrafu 12 tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu, (ara foll 35), l-istess rikorrenti jghid li l-ammont imhallas ghall-istess kors hallsuh il-genituri tieghu u mhux hu;

38.1.4. Illi ghalhekk l-ammont hekk imhallas ghall-istess kors ma jistghax jigi ikkonsidrat;

38.1.5. Illi konsegwentement hu biss l-ammont ta' ***hames mija u wiehed u disghin euro u dsatax-il centezmu, (€591.19),*** li jista' jigi hawn ikkunsidrat, (ara foll 57, 115, 116, 117 u 118);

38.2. ***Lucrum Cessans***:

38.2.1. **Dizabilita`**:

38.2.1.i. Illi l-ammont ta' dizabilita` permanenti riskontrata u stabbilita mill-espert mediku hi dik t'10%, (ara foll 248);

38.2.2. **Paga:**

38.2.2.i. Illi l-paga tar-rikorrenti qed tigi ikkalkulata a bazi tal-paga li hu kellu fl-2006 meta sehh l-incident de quo;

38.2.2.ii. Illi skont l-FS3 tar-rikorrenti jirrizulta li kien jithallas paga ta' mitt Lira Maltin, (Lm100.00), fil-gimgha, ekwivalenti ghal hamest elef u mitejn Lira (Lm5,200.00), fis-sena;

38.2.2.iii. Illi tenut kont tal-varjazzjoni rizultanti mill-gholi tal-hajja u ta' zidiet potenzjali allura ser tigi adottata paga annwali ta' sitt elef u hames mitt Lira Maltin, (Lm6,500.00), ekwivalenti ghal ***hmistax- il elf mija u hamsa u erbghin euro, (€15,145.00);***

38.3. **Lump Sum Deduction**:

38.3.1. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat is-segwenti:

38.3.1.i. Illi l-kawza odjerna giet intavolata fis-26 ta' Mejju, 2009, (ara foll 1);

38.3.1.ii. Illi l-istess kawza ser tigi deciza fit-13 t'Ottubru 2016, (ara foll 408);

38.3.2. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Annunzjata sive Nancy***

***Caruana vs. Odette Camilleri*** datata s-27 ta' Frar, 2004, il-Qorti tal-Appell sostniet li:

"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ukoll relattiv";

38.3.3. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited,*** datata it-2 ta' Gunju, 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet is-segwenti:

"F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa, ("*lump sum payment"),* lill-beneficjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza 16 ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

38.3.4. Illi in vista tal-istess, it-tnaqqis minhabba l-hlas f'daqqa hawn riskontrat ghandu jkun t'10%;

38.4. Il-**Multiplier:**

38.4.1. Illi r-rikorrenti jirrizulta li twieled fl-14 t'Awwissu tal-1984, (ara foll 76);

38.4.2. Illi ghalhekk meta sehh l-incident in dizamina r-rikorrenti kellu 22/23 sena;

38.4.3. Illi in linea mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet James Spiteri vs. Joseph Magro et, datata l-5 ta' Dicembru, 2014, il-multiplier li hawn ghandu jigi adottat hu ta' 35 sena;

Ikkunsidrat:

39. Illi ghalhekk id-danni sofferti mir-rikorrenti bhala ***lucrum cessans*** qed jigu stabbiliti bil-mod segwenti:

**€15,145.00 x 10% - 10% x 35**

**€ 1,514.50 – €151.45 = €1363.05 x 35 = €47,706.75**

Ikkunsidrat:

40. Illi allura d-danni totali qed jigu stabbiliti bil-mod segwenti:

**40.1. Damnum Emergens: € 591.19;**

**40.2. Lucrum Cessans : €47,706.75;**

**40.3. Total : €48,297.94**

Ikkunsidrat:

41. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

41.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti tas-socjeta` intimata u tal-intimat;

42.2. Takkolji in parte kif fuq espost it-talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk:

41.2.1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh unikament tort u htija tal-intimat Paul Farrugia;

41.2.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Mark Scerri fl-ammont komplessiv ta' tmienja u erbghin elf, mitejn u seba' u disghin euro u erba' u disghin centezmu, (€48,297.94);

41.2.3. Tikkundanna lill-intimati is-socjeta` Mapfre Middlesea plc u Paul Farrugia biex ihallsu in solidum l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

41.2.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi li ghandhom jibdew jghoddu mid-data tal-ittra ufficjali mibghuta fir-rigward, senjatament is-6 ta' Marzu, 2008, (ara foll 132), kontra l-istess intimati in solidum fuq indikati.

## <u>Rikors tal-appell tal-konvenut Paul Farrugia (02.11.2016):</u>

6. L-aggravji tal-konvenut Paul Farrugia huma s-segwenti:

(i) <u>L-ewwel aggravju</u>*: id-digriet tal-21 ta' April 2016*

Fl-ewwel lok il-konvenut appellant isostni li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta wara li l-partijiet kienu għalqu l-provi u ppreżentaw is-sottommissjonijiet tagħhom, hija fil-21 ta' April 2016 laqgħet it-talba tal-attur biex "jirregolarizza" s-sitwazzjoni, senjatament il-fatt li l-affidavit tiegħu ma kienx ġie kkonfermat bil-ġurament. (Fil-fatt l-attur kien tela' jixhed

fis-26 ta' Mejju 2016 qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza).

(ii) <u>It-tieni aggravju</u>*: mingħajr l-affidavit tal-attur m'hemmx ness*

Fit-tieni lok il-konvenut appellant jargumenta li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset l-affidavit mhux ġuramentat tal-attur. Jgħid li għalhekk fl-agħar ipotesi għalih l-ewwel Qorti setgħet biss tilqa' l-ewwel talba, iżda jsostni li ma tirriżulta l-ebda prova sodisfaċenti li d-danni sofferti mill-attur kienu b'konsegwenza tal-inċident.

(iii) <u>It-tielet aggravju</u>*: lucrum cessans eċċessiv*

Fit-tielet lok il-konvenut appellant ma jaqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat id-danni għall-finijiet tal-*lucrum cessans*. Isostni li d-dħul annwali ta' €15,145 kif ikkalkolat mill-ewwel Qorti huwa esaġerat u ma kellux jitqies li huwa iżjed minn €13,500. Kwantu għall-*multiplier* jilmenta li l-figura ta' 35 hija wisq eċċessiva u għalhekk sejjaħ lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tistabbilixxi *multiplier* li jkun ekwu, ġust u meritevoli.

(iv) <u>Ir-raba' aggravju</u>: *l-imgħax fejn l-ammont mhux likwidat*

Finalment isostni li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta ordnat

li l-imgħax kellu jitħallas mid-data tal-ittra uffiċjali. Jargumenta li ladarba l-ammont tad-danni kien *da liquidarsi* l-imgħax kellu jitqies li jibda' jiddekorri mid-data tas-sentenza.

**<u>Rikors tal-appell tas-soċjeta` Mapfre Middlesea plc (02.11.2016):</u>**

7. Is-soċjeta` konvenuta fir-rikors tal-appell tagħha tat ir-raġunijiet tagħha għaliex l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-imgħax kellu jiddekorri mid-data tal-ittra uffiċjali.

8. Hija pero` spjegat li biex teżimi ruħha minn kwalunkwe responsabbilta`, kienet qegħda tipproċedi sabiex tiddepożita l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti sabiex ma jiddekorrux interessi mid-data tas-sentenza sad-data tas-sentenza finali, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' azzjoni li jista' jkollha fil-konfront tal-konvenut u l-assigurata tagħha.

**<u>Risposta tal-attur Mark Scerri għall-appell tas-soċjeta` konvenuta (16.11.2020)[1]:</u>**

9. In linea preliminari l-attur appellat jaċċenna għall-Artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula li l-proċedura bil-miktub fil-Qorti tal-

[1] L-attur ġie notifikat bl-appell tas-soċjeta` konvenuta fis-27 ta' Ottubru 2020

appell għandha tiġi magħluqa fiż-żmien perentorju ta' sena minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell. F'dan ir-rigward jargumenta li t-terminu ta' sena f'dan il-każ skada fit-2 ta' Novembru 2017, sa liema data kien għadu ma ġiex notifikat. Jenfasizza li ma saret l-ebda talba għall-estensjoni ta' tali terminu kif permess mill-Artikolu 963(3) u għalhekk isostni li dan l-appell għandu jitqies bħala appell deżert *ai termini* tal-Artikolu 963(6).

10. Mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu (dwar il-kwistjoni tad-dekorriment tal-imgħaxijiet) jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, f'każ li jirriżultalha li l-appell mhux deżert.

**<u>Risposta tal-attur Mark Scerri għall-appell tal-konvenut (17.01.2022):</u>**

11. L-attur appellat jenfasizza li sal-ġurnata tar-risposta tiegħu kien baqa' ma ġiex debitament notifikat bl-appell tal-konvenut Paul Farrugia. In linea preliminari jargumenta (kif għamel fir-risposta tiegħu għall-appell tas-soċjeta` konvenuta) li l-appell għandu jitqies bħala wieħed deżert *ai termini* tal-Art. 963(6) tal-Kap 12 *stante* li l-proċedura bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell ma ngħalqitx fi żmien sena.

12. Fil-mertu, imbagħad jgħid li l-appell huwa eżawrit *stante* li huwa tħallas id-danni li ġew likwidati permezz tas-sentenza appellata.

Għalhekk jargumenta li kull aggravju li jikkonċerna r-regolarita` *o meno* tal-provi prodotti, inkluż l-affidavit tiegħu u l-likwidazzjoni tad-danni u l-metodu addottat mill-ewwel Qorti sabiex tasal għal tali figuri huwa irrilevanti f'dan l-istadju għaliex bil-ħlas li sar kull mertu tal-appell ġie eżawrit. Jargumenta illi ħadmet kif ħadmet id-danni l-ewwel Qorti, is-soċjeta` Mapfre Middlesea plc (u b'estenzjoni, l-assikurat tagħha, Paul Farrugia) aċċettat dawk id-danni u ħallsitu tali danni permezz ta' ċedola ta' depożitu. Għalhekk isostni li jekk jeżisti disgwid bejn is-soċjeta` konvenuta u l-konvenut dan huwa *res inter alios acta* u m'għandu xejn x'jaqsam mal-mertu tal-kawża jew mal-aggravji li fuqhom huwa imsejjes dan l-appell.

13. Ikompli jgħid illi *se mai*, mill-appell tal-konvenut Farrugia tibqa' biss il-parti li tikkonċerna l-kap tal-imgħaxijiet. Jispjega li dawn għadhom ma tħallsux. Filwaqt li jaċċenna għal dak li diġa` ssottometta fir-risposta tiegħu għall-appell tas-soċjeta` konvenuta, jgħid li ladarba ż-żewġ appelli ma ġewx notifikati *entro* t-terminu li trid il-liġi, it-tnejn huma deżerti u għalhekk is-sentenza appellata għaddiet in ġudikat fl-intier tagħha, inkluż dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-ħlas tal-imgħaxijiet mis-6 ta' Marzu 2008 sal-ġurnata meta s-somma hekk likwidata ġiet depożitata permezz ta' ċedola fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri.

14. Għalhekk jitlob lil din il-qorti sabiex tiċħad l-appell u tikkonferma s-

sentenza appellata bl-imgħaxijiet mid-data tas-6 ta' Marzu 2008 u bl-ispejjeż kontra l-konvenut Farrugia.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

15. Qabel xejn din il-Qorti ser tibda' biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet sollevati mill-attur appellat, senjatament:

(i) li l-appelli tal-konvenuti għandhom jitqiesu bħala deżerti, u

(ii) li l-mertu tal-appell tal-konvenut Farrugia huwa eżawrit minħabba li s-soċjeta` konvenuta ddepożitat fir-Reġistru s-somma likwidata mill-ewwel Qorti.

**L-Artikolu 963 u d-deżerzjoni:**

16. Kemm l-appell tas-soċjeta` konvenuta u kif ukoll l-appell tal-konvenut Paul Farrugia ġew ippreżentati fit-2 ta' Novembru 2016. L-attur appellat jaċċenna għall-fatt li huwa ġie notifikat bl-appell tas-soċjeta` konvenuta fis-27 ta' Ottubru 2020, filwaqt li baqa' ma ġiex innotifikat b'dak tal-konvenut Farrugia. Jargumenta li ladarba l-proċedura bil-miktub ma ngħalqitx fi żmien sena, l-appelli tal-konvenuti għandhom jitqiesu bħala deżerti *ai termini* tal-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12.

17. Din il-Qorti tirreferi għall-kawża fl-ismijiet **Raymond Vella v. Gorg Mifsud**[2], deċiża minnha fit-30 ta' Mejju 2014 fejn fakkret li huwa risaput li ordni magħmula mill-Qorti biex issir in-notifika tar-rikors tal-appell għandha titqies bħala "*ordni xierqa*" biex jingħalqu l-proċeduri skont is-subinċiż (3) tal-Artikolu 963 u li huwa biss wara li tkun saret tali ordni li kawżi jistgħu jaqgħu deżerti:

> *"F'dan il-kaz, l-ordni li tat din il-Qorti fl-4 ta' Frar 2014, biex issir in-notifika tar-rikors tal-appell, ghandha titqies li tammonta ghal ordni xierqa sabiex jinghalqu l-proceduri skont kif previst fl-Artikolu 963(3) tal-imsemmi Kap. 12 (ara* ***Micallef v. Zammit*** *deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Marzu 2014). Fil-fatt, sas-seduta sussegwenti, dik tal-4 ta' Marzu 2014, lahqet saret in-notifika mehtiega tant illi jirrizulta li giet ipprezentata risposta ghall-appell fit-3 ta' Marzu 2014. Ghal din ir-raguni, ma tistax tigi milqugha r-raguni ta' dezerzjoni kif imressqa mill-appellati. Ghal kull buon fini, din il-Qorti tghid illi fid-dawl tal-emendi li saru fl-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bis-sahha tal-Att XXXI tal-2002, kawzi ma jistghu qatt jaqghu dezerti jekk mhux in segwitu` li l-Qorti tkun tat dawk l-ordnijiet kif kontemplat fis-subartikolu (3) tad-dispozizzjoni in dizamina."*

18. Issa fil-każ in kwistjoni, minn meta ġie ppreżentat ir-<u>rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta Mapfre Middlesea plc</u> (2 ta' Novembru 2016) sa kemm l-attur ġie notifikat bih erba' snin wara (16 ta' Novembru 2020) din il-Qorti ma kienet tat l-ebda tali ordni.

19. Kwantu għar-<u>rikors tal-appell tal-konvenut Paul Farrugia</u>, jirriżulta li sad-data tal-ewwel seduta quddiem din il-Qorti (2 ta' Novembru 2021) l-attur kien għadu ma ġiex notifikat bih. Pero` dakinhar id-difensur tiegħu stess ta ruħu b'notifikat bl-atti tal-appell, u din il-Qorti tal-Appell *in oltre* tat

[2] 437/2004

differiment kemm għan-notifika tal-konvenut Farrugia bl-avviż tas-smigħ u l-kawtela, u kif ukoll għan-notifika tal-appell ta' Paul Farrugia lill-attur Mark Scerri:

> *"Meta ssejjaħ l-appell deher l-Av. Michael Zammit Maempel għall-attur appellat preżenti fl-Awla, li għal kull buon fini qed jagħti ruħu b'notifikat bl-atti tal-appell għal Mark Scerri.*
> *….*
>
> *Billi jidher illi l-appellant Paul Farrugia għadu mhux notifikat bl-avviż tas-smigħ u bil-kawtela, kif ukoll l-appell tiegħu għadu ma ġiex notifikat lill-appellat Mark Scerri, l-appell qed jiġi differit għal dan l-iskop għal darba waħda biss, u fin-nuqqas il-Qorti tieħu l-provvediment meħtieġ, għat-23 ta' Novembru 2021 fid-9.00am."*

20. Imbagħad fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, id-difensur tal-attur Mark Scerri informa lil din il-Qorti "*li ser idaħħal risposta għall-appell ta' Paul Farrugia."* Fil-fatt l-imsemmija risposta ddaħħlet fis-17 ta' Jannar 2022.

21. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu ma tirriżulta l-ebda raġuni biex tiġi ordnata d-deżerzjoni tal-kawża la fir-rigward tal-appell tas-soċjeta` konvenuta (fejn sakemm saret in-notifika lill-attur ma kien hemm l-ebda ordni tal-Qorti fit-termini tas-subinċiż (3)); u lanqas fir-rigward tal-appell tal-konvenut Farrugia (fejn dakinhar stess li din il-Qorti ordnat li ssir in-notifika lill-attur - ordni li titqies bħala waħda fit-termini tas-subinċiż (3) - id-difensur tal-attur stess kien ta ruħu b'notifikat u fis-seduta sussegwenti infurmaha li kien ser idaħħal ir-risposta).

**<u>L-eżawriment (*o meno*) tal-azzjoni:</u>**

22. Is-soċjeta` Mapfre Middlesea plc fir-rikors tal-appell tagħha appellat biss mill-kap dwar l-imgħax in kwantu sostniet li kellu jibda għaddej mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-ittra uffiċjali, kif ikkonkludiet l-ewwel qorti. Imbagħad spjegat li kienet sejra tiddepożita l-ammont il-qorti:

> *"Illi sabiex teżimi ruħha minn kwalunkwe responsabbilta`, is-soċjeta` appellanti ser tipproċedi sabiex tiddepożita l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti, u cioe` l-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, mimtejn sebgħa u disgħin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€48,297.94) u dan sabiex ma jiddekorrux interessi mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti sad-data tas-sentenza finali, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ta' azzjoni li s-soċjeta` appellanti jista' jkollha fil-konfront ta' Paul Farrugia u l-assigurata tas-soċjeta` appellanti".*

23. L-attur appellat jargumenta li ladarba s-soċjeta` konvenuta aċċettat l-ammont ta' danni li llikwidat l-ewwel Qorti u ħallsitu tali danni permezz taċ-ċedola, ġie li l-mertu huwa eżawrit u għalhekk kull aggravju li jirrigwarda r-regolarita` *o meno* tal-proċeduri u l-kwantum tad-danni likwidati huwa rrilevanti.

24. Huwa minnu li s-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx l-ammont tad-danni likwidat mill-ewwel Qorti, u li addirittura ddepożitat l-ammont likwidat permezz ta' ċedola sabiex sakemm jiġi deċiż l-appell tagħha ma jiddekorrix imgħax mid-data tas-sentenza 'il quddiem. B'daqshekk pero` ma jistax jitqies li l-mertu huwa eżawrit. Is-soċjeta` konvenuta mhix l-uniku konvenut fil-kawża. Il-fatt li ma appellatx fuq il-mertu ma joqtolx l-

appell tal-konvenut Farrugia, anke jekk ġew ikkundannati iħallsu d-danni *in solidum* anzi dan il-fattur jimmilita kontra l-istess argument tal-attur appellat. Jekk jirnexxi fl-appell tiegħu l-attur, is-soċjeta` assikuratriċi ma jkollha ebda jedd fil-konfront tiegħu u għalhekk hu neċessarju li l-proċediment jingħalaq mill-partijiet kollha biex jiġu evitati proċeduri multipli.

**<u>L-aggravju dwar id-digriet tal-21 ta' April 2016 u l-aggravju dwar il-mankanza ta' prova biex jiġi stabbilit in-ness bejn l-inċident u d-danni:</u>**

25. Din il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel u t-tieni aggravji tal-konvenut Paul Farrugia flimkien *stante* li huma relatati.

26. <u>Fl-ewwel aggravju tiegħu</u> l-konvenut Paul Farrugia jilmenta bil-fatt li fis-seduta tal-21 ta' April 2016 wara li d-difensuri tal-konvenuti rrilevaw li l-affidavit tal-attur ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament, laqgħet it-talba tad-difensur tiegħu biex jingħata terminu qasir u "*jirregolarizza s-sitwazzjoni".* Jilmenta li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta fil-21 ta' April 2016 awtorizzat lill-attur jirregola ruħu fl-istadju li kienet tinsab fiha l-kawża, (ċioe` meta kull wieħed mill-partijiet kien ippreżenta n-noti tas-sottomissjonijiet relattiva tiegħu u meta dakinhar kellha ssir it-trattazzjoni orali.)

27. <u>Fit-tieni aggravju tiegħu</u> l-konvenut Paul Farrugia jargumenta li l-provi dwar il-mertu jikkonsistu fix-xiehda ta' diversi persuni li pero` xehdu biss dwar ir-responsabbilta` għall-inċident u mhux dwar id-danni sofferti mill-attur. Jaċċenna għall-fatt li l-"*prova kardinali*" sabiex jiġi stabbilit in-ness bejn l-inċident u d-danni sofferti setgħet titressaq biss permezz tax-xiehda tal-attur Mark Scerri, u li tali xhieda hija mankanti peress li l-affidavit tiegħu mhux ġuramentat. Il-konvenut Paul Farrugia jaċċenna għall-Artikolu 622A(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> "622A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 613 sa 622, meta tkun tenħtieġ tinstama' x-xiehda **<u>ta' xhud li jkun jinsab barra minn Malta</u>**, u dik il-persuna tkun għamlet affidavit dwar fatti li tkun taf bihom **<u>quddiem xi awtorità jew persuna oħra li jkollha jedd f'dak il-pajjiż fejn ikun joqgħod ix-xhud li tagħti ġuramenti</u>**, jew quddiem uffiċjal konsulari ta' Malta li jkun qed jaqdi dmirijietu fil-pajjiż fejn ikun joqgħod ix-xhud, dak l-affidavit kif debitament awtentikat ikun jista' jinġieb bi prova quddiem qorti f'Malta; u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 623, 624 u 625 għandhom ikunu jgħoddu għal kull affidavit bħal dak." *(enfasi tal-istess konvenut)*

u sostna li l-attur naqas milli jikkonferma l-kontenut tal-verżjoni tiegħu b' ġurament u allura jiġi li l-affidavit minnu ppreżentat ma jista' qatt jitqies bħala xiehda. Huwa jaċċenna għall-fatt li d-dikjarazzjoni annessa mal-affidavit tal-attur hija biss konferma tal-firma tal-attur u li ma fiha l-ebda indikazzjoni li l-istess attur ikkonferma bil-ġurament il-kontenut tal-affidavit tiegħu. Id-dikjarazzjoni li jirreferi għaliha hija s-segwenti:

> *"I hereby certify that the above is the true signature, subscribed in my presence, of Mr Mark Scerri, of 47624 Kevelaer-Twisteden, Im Auwelt 45, den Heyberg FH 15, Germany, born August 14th 1984, who is identified by Passaport.*
>
> *Kevelaer, the 18th day of January, 2010*

*Notary Public"*

28. Din il-Qorti tosserva li fil-fatt għalkemm l-affidavit tal-attur datat 18 ta' Jannar 2010 jibda' hekk:

> *"Jien Mark Scerri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru (ID: 396884M) residenti 56, St John, Flat 4, Triq ir-Rebbiegħa, Mosta, <u>bil-ġurament tiegħi</u> niddikjara illi naf is-segwenti fatti personalment…"*
> (enfasi ta' din il-qorti)

id-dikjarazzjoni tan-Nutar li hija annessa miegħu tikkonferma biss l-awtentiċita` tal-firma tiegħu u ma tikkonfermax ukoll, u speċifikatament, li l-affidavit ġie maħluf quddiemu.

29. In segwitu għad-digriet tal-ewwel Qorti tal-21 ta' April 2016, l-attur Mark Scerri, fis-26 ta' Mejju 2016 tela' jixhed quddiem l-ewwel Qorti fejn qal hekk:

> *"Jiena qed niġi muri fol 31*[3] *tal-proċess flimkien ma' dikjarazzjoni ġuramentata hemm annessa miegħu u ninforma lill-Qorti illi dan huwa dikjarazzjoni ġuramentata li ktibt jiena stess u ppreżentajtu fl-atti ta' din il-proċedura. Meta ktibtu jiena kont il-Ġermanja. Meta ktibt dan id-dokument jiena ħadtu għand Nutar il-Ġermanja fejn kont qed noqgħod biex naħlef l-istess dikjarazzjoni quddiemu. Jiena ffirmajt quddiemu u tani dik il-karta li tikkonferma li ffirmahieli li tidher a fol 40 tal-proċess. Sa fejn naf jiena, jiena għamilt dak kollu li l-Liġi Maltija titlob mingħandi u qgħadt fuq id-direzzjoni li tani n-Nutar Ġermaniż hemm indikat. Id-dokument in kwistjoni imbagħad għaddejtu lil Dr Carlo Bisazza."*

30. Din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi assolutament ma jidhrilhiex li huwa ċensurabbli d-digriet tal-ewwel Qorti li bih hija laqgħet it-talba tal-attur biex "jirregolarizza" s-sitwazzjoni (fejn imbagħad tela' jixhed fis-seduta

[3] Nota bl-affidavits ta' Maria Dolores Scerri u Mark Scerri

sussegwenti sabiex jippreċiża l-affarijiet.) L-attur, li kien jinsab il-Ġermanja, irrikorra għand Nutar sabiex l-affidavit li ried jippreżenta f'dawn il-proċeduri jiġi maħluf skont il-liġi ta' Malta. Ġara li d-dikjarazzjoni tan-Nutar tikkonferma biss il-firma tal-attur u mhux ukoll li ngħata ġurament (minkejja li fl-ewwel paragrafu tal-affidavit l-attur jingħad li d-dikjarazzjoni hija ġuramentata). Aktarx li dan kollu kien riżultat ta' xi malintiż u mhux dovut għal xi negliġenza da parti tal-attur; għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti ma kienx ikun ġust għall-attur li kieku l-ewwel Qorti, f'dak l-istadju meta d-difensuri tal-konvenuti rrilevaw *seduta stante* li l-affidavit tal-attur ma kienx ikkonfermat bil-ġurament, ma ppermettitlux jirregolarizza s-sitwazzjoni.

31. Ladarba l-attur fix-xiehda tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 jirreferi għall-affidavit li jinsab fl-atti bħala "dikjarazzjoni ġuramentata", u jispjega li kien ħadu għand in-Nutar il-Ġermanja sabiex jaħilfu quddiemu, ċertament li tali affidavit ma jistax jiġi skartat. Isegwi allura li kuntrarjament għal dak li jgħid il-konvenut Paul Farrugia, il-"prova kardinali" dwar in-ness bejn l-inċident u d-danni effettivament saret.

32. Għaldaqstant l-ewwel u t-tieni aggravji tal-konvenut Paul Farrugia jirriżultaw infondati.

**<u>L-aggravju dwar il-kwantum tad-danni likwidati:</u>**

33. Fit-tielet aggravju tiegħu l-konvenut Paul Farrugia jilmenta li d-danni kif likwidati mill-ewwel Qorti huma esaġerati.

34. Huwa mhux qed jikkontesta l-ammont ta' **€591.19** likwidat *in linea* ta' "*damnum emergens*". Lanqas ma hu qed jikkontesta r-rata ta' **10%** diżabilita` kif stabbilita mill-espert mediku, jew il-*lump sum deduction* ta' **10%**. L-ilmenti tiegħu jirrigwardaw id-dħul annwali tal-attur (fejn l-ewwel Qorti addottat is-somma ta' **€15,145**) u l-*multiplier* (fejn l-ewwel Qorti ħadet il-valur ta' **35**).

35. <u>Kwantu għad-dħul annwali</u> jsostni li ma kellux jinħadem fuq iktar minn €13,500. Fl-2006 kien jitħallas paga ta' Lm100 (€233) li f'sena - 52 ġimgħa - jiġu Lm5,200 (€12,116). L-ewwel Qorti wara li qieset l-għoli tal-ħajja u żidiet potenzjali addottat paga annwali ta' Lm6,500 (€15,145). B'hekk jiġi li applikat żieda ta' 25%. Il-konvenut appellant *invece* jsostni l-figura ta' paga annwali addottata mill-ewwel Qorti ma kellhiex teċċedi l-€13,500 (Lm5,794) liema figura jiġi li tinkorpora biss żieda ta' 11.4%.

36. Din il-Qorti, qieset is-segwenti fatti li jemerġu mill-affidavit tal-attur:

- Ftit qabel l-inċident, lesta kors mal-MCAST bħala

*Airconditioning Technician* u sab xogħol mal-Mekkanika[4] fejn baqa' jaħdem saż-żmien tal-inċident.

- Bħala żagħżugħ li kien għadu kemm ġab id-Diploma fil-HVAC[5] kellu pjanijiet biex fil-futur jaħdem għal rasu u jistabbilixxi n-negozju tiegħu; fil-fatt qal li kien diġa` rnexxielu jakkwista xi ftit klijenti u investa f'xi għodda (isemmi *fluring tool, jigger, driller, spanners*, *gauges* u *sellum* li swewh madwar €2000). Il-pjanijiet tiegħu sfaxxaw meta ħa l-aħbar li ma setax aktar jerfa' affarijiet tqal u jagħmel xogħol ta' strapazz.

- Fl-2007 applika biex jidħol *steward* mar-Ryanair u ntagħżel. Għamel kors u għadda mill-eżami. Għamel xi żmien ibbażat Franza imbagħad fuq talba tiegħu ġie ibbażat il-Ġermanja, fejn kien qed jgħix fiż-żmien meta sar l-affidavit. Ix-xogħol tiegħu bħala *steward* ma jinvolvix ħinijiet bil-qegħda fit-tul u ma jġorrx affarijiet tqal.

- L-inċident bidillu ħajtu għaliex safa kostrett li jagħmel xogħol li m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak li minn tifel dejjem ħolom li jagħmel u li kien beda jwettqu permezz tal-istudju.

---

[4] Kuntratt Dok MS1, fol 41 et seq
[5] *Heating Ventilation and AirConditioning Techinician*, ara ċertifikat a fol 70 (Dok MS23)

37. Jirriżulta għalhekk li l-attur kellu ħafna ħeġġa għal dan ix-xogħol ta' *airconditioning technician* u jidher li kellu potenzjal qawwi biex jagħmel introjtu tajjeb kemm bħala impjegat u aktar u aktar kieku eventwalment fetaħ negozju għal rasu. Sfortunatament, riżultat tal-inċident, kellu jabbanduna din is-sengħa li tant kien miġbud lejha bil-possibilitajiet lukrattivi kollha li ġġib magħha.

38. Din il-Qorti tqis ukoll li l-attur kien għad kellu tlieta u għoxrin (23) sena meta safa midrub u għalhekk tul is-snin lavorattivi tiegħu l-għoli tal-ħajja neċessarjament kienet ser tkun waħda sostanzjali.

39. Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' €15,145 li addottat l-ewwel Qorti bħala l-paga annwali tiegħu huwa ferm realistiku u ċertament mhux eċċessiv u għalhekk ma tarax il-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

40. Kwantu għall-*multiplier*, l-ewwel Qorti addottat il-valur ta' 35. Hija spjegat li dan kienet qed tagħmlu *in linea* mal-insenjament ta' din il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **James Spiteri v. Joseph Magro et** (deċiża fil-5 ta' Diċembru 2014). Jiġi osservat pero` li din il-Qorti tal-Appell f'tali sentenza effettivament ma kinitx daħlet fil-kwistjoni tal-*multiplier stante* li

ma kienx hemm aggravju f'dak is-sens.[6] Issa l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha[7] dwar l-imsemmija kawża kienet spjegat għaliex kienet qed tapplika l-imsemmija tabella:

> *"Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara* ***Bugeja vs Agius*** *fuq imsemmija]. Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-chart hawn taht:*

| Eta Vittma | Multiplier Massimu |
|---|---|
| 0-15 | 40 |
| 16-20 | 37 |
| **21-25** | **35** |
| 26-30 | 30 |
| 31-35 | 25 |
| 36-40 | 20 |
| 41-45 | 15 |
| 46-50 | 13 |
| 51-55 | 11 |
| 56+ | 5 jew anqas |

(enfasi ta' din il-Qorti)

41. L-ewwel Qorti fil-kawża odjerna jidher li qagħdet fuq tali tabella u applikat multiplier ta' **35** li huwa l-massimu applikabbli f'każ ta' vittmi li jkollhom eta` bejn il-**21 u l-25 sena**. Inċidentalment pero` it-tabella li għamlet riferenza għaliha l-ewwel Qorti, li kienet saret mill-Imħallef Farrugia Sacco bl-intiża li jkun hemm uniformita` f'kawżi bħal din odjerna[8], kienet sussegwentement ġiet riveduta minnu stess. Il-konvenut

---

[6] Fil-fatt fis-sentenza tal-appell intqal hekk: "***Dwar il-multiplier prattikat mill-ewwel Qorti mhux qed isir appell.***"

[7] Deċiża 24.01.2011

[8] L-Imħallef Farrugia Sacco għamel snin twal jiddeċiedi kawżi ta' dan it-tip

appellant Farrugia fil-fatt jirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Imħallef Farrugia Sacco fil-kawża **Laurence Saliba v. Bezzina Ship Repair Yard Ltd** (12 ta' Novembru 2012, 1194/2008) fejn fil-fatt ġie ritenut hekk[9]:

> *"Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-chart hawn taht:*

| Eta Vittma | Multiplier Massimu |
|---|---|
| 0-15 | 35 |
| 16-20 | 33 |
| **21-25** | **30** |
| 26-30 | 27 |
| 31-35 | 22 |
| 36-40 | 18 |
| 41-45 | 14 |
| 46-50 | 11 |
| 51-55 | 8 |
| 56+ | 6 |

(enfasi ta' din il-Qorti)

42. Skont din it-tabella kif riveduta, għall-*age bracket* tal-attur jiġi applikat multiplier ta' bejn 28 u 30. Ladarba meta seħħ l-inċident l-attur kien jaqa' fin-nofs ta' din l-*age bracket* din il-Qorti jidhrilha li l-*multiplier* li għandu jiġi applikat huwa dak ta' **29.**

43. Għalhekk id-danni in linea ta' *lucrum cessans* bil-mod kif ħadmithom l-ewwel Qorti, iżda b'*multiplier* ta' 29 flok 35 jiġu hekk:

---

[9] Ara wkoll **Carmel Spiteri v. Jonathan Vella** 143/11/FS deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10.12.2013, u **Michael Busuttil v. Magdalena Abela** 118/14/MH deċiża minn din il-Qorti tal-Appell fit-30.06.2021 fejn ġiet segwita t-tabella kif riveduta.

| | |
|---|---|
| 10% (diżabilita`) ta’ €15,145 | € 1,514.50 - |
| tnaqqis ta’ 10% (lump sum) ta’ €1514.50 | € 151.45 |
| | € 1,363.05 x |
| *Multiplier* ta’ 29 | 29 |
| | €39,528.45 |

44. Isegwi li d-danni totali jammontaw għal **€40,119.64** (*damnum emergens* €591.19 + *lucrum cessans* €39,528.45).

**L-aggravju dwar id-dekorriment tal-imgħax:**

45. Ir-raba’ aggravju tal-konvenut Paul Farrugia u l-uniku aggravju tas-soċjeta` konvenuta Mapfre Middlesea plc huma l-istess: ċioe` li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta rriteniet li l-imgħax jiddekorri mid-data tal-ittra uffiċjali għaliex *trattandosi* ta’ ammont ta’ danni *da liquidarsi* l-imgħax neċessarjament jibda jiddekorri mid-data ta’ meta d-danni ġew likwidati, ossia mid-data tas-sentenza.

46. Għandhom raġun iħossuhom aggravati f’dan ir-rigward għaliex kif inhu konstantement ritenut fil-ġurisprudenza nostrana, l-imgħax fuq somma likwidata jiddekorri mid-data tal-likwidazzjoni u mhux mid-data tat-talba tad-debitur, dan skont il-massima *in liquidandis non fit mora*.

Dan għaliex meta l-kreditu ma jkunx likwidu, id-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas (jew addirittura jekk hux tenut iħallas) u għalhekk ma jistax jitqies *in mora*. L-imgħax ma jistax jibda' jiddekorri qabel ma l-kreditu jiġi likwidat u d-debitur jitpoġġa *in mora* skont l-Artikolu 1141.

47. Għaldaqstant dan l-aggravju jirriżulta fondat. B'dan illi fid-dawl tad-depożitu li sar mill-kumpanija assikurattriċi appellanta wara l-għoti tas-sentenza appellata u li waqqaf il-mixi tal-imgħaxijiet u l-izbank li sar mill-attur appellat, il-partijiet għandhom jirregolaw irwieħhom fir-rigward.

**DECIDE**

48. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda **tilqa' l-appell tas-soċjeta` konvenuta** u **tilqa' limitatament l-appell tal-konvenut Farrugia**. Konsegwentement qegħda:

(i) Tikkonferma d-digriet mogħti mill-ewwel Qorti fil-21 ta' April 2016;

(ii) Tvarja s-sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2016 billi:

(a) tħassarha in kwantu d-danni sofferti mill-attur ġew likwidati fl-ammont ta' €48,297.94 u in kwantu ġie ordnat li l-imgħax legali għandu jiddekorri mis-6 ta' Marzu 2008; u *invece* din il-Qorti qegħda tillikwida d-

danni fl-ammont ta' erbgħin elf, mija u dsatax-il ewro u erbgħa u sittin ċenteżmi (**<u>€40,119.64</u>**) u qed tiddikjara li l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2016; u

(b) tikkonfermaha fil-kumplament.

49. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu kif ordnat mill-ewwel Qorti.

50. L-ispejjeż tal-appell tas-soċjeta` konvenuta għandhom jitħallsu mill-attur appellat.

51. L-ispejjeż tal-appell tal-konvenut Farrugia għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-konvenut Farrugia u l-attur

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr